**2 ta' Awissu, 1994**

***Imħallfin: –***

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Jane mart Joseph Bonnici *et*

*versus*

Helen armla ta' Emmanuel Attard

**Digriet mill-Bord li Jirregola l-Kera – Punt ta' Dritt – Min għandu Jiddeċidih**

*Fi tribunal li fih membri tekniċi flimkien ma' President li għandu kompetenza ġuridika, il-membri tekniċi jkunu hemm biex jieħdu konjizzjoni tal-fatti li jkollhom aspett tekniku, u dawn jiġu esklużi milli jiddeċidu fuq punt ta' dritt.*

Il-Qorti: -

1. Ir-rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera għal Għawdex u Kemmuna espona illi r-rikorrenti jikru lill-intimata l-fond numru 1, Strada Corsa, Xagħra, Għawdex, li però l-istess intimata bidlet id-destinazzjoni tal-lokazzjoni u ċediet jew issullokat parti mill-fond, liema parti qed tintuża bħala ħanut;

2. Fir-risposta tagħha l-intimata, fl-ewwel lok talbet lir-rikorrenti jippruvaw il-posizzjoni tagħhom billi ċirkostanzi preċedenti kienu jindikaw li l-proprjetarji kienu persuni oħra.

Fil-mertu - parti mill-fond ilu għal aktar minn tletin sena użat bħala ħanut u għalhekk tul daż-żmien kollu, is-sidien kienu jafu bl-użu kummerċjali ta' parti mill-fond; ċessjonijiet jew sullokazzjonijiet ma sarux;

3. Fit-13 ta' Mejju, 1992, waqt it-trattazzjoni tar-rikors, inqala' inċident fuq l-ammissibbilità ta' xi prova u dan l-inċident ġie rregolat kif se jingħad:

"Il-Bord: -

Meta ssejjaħ ir-rikors dehru r-rikorrenti assistita minn Dr. Anton Refalo LL.D. u Dr. Alfred Grech LL.D. għall-intimata;

Dr. Anton Refalo LL.D. għar-rikorrenti jiddikjara li huwa nġunġa lill-intimata għall-iskop uniku sabiex tippreżenta kopji tar-*returns* tagħha għal taxxa fuq *income oltre l-kotba tal-*Kummerċ li għandha, in sostenn ta' l-allegazzjoni tagħha li għandha tiġġestixxi n-negozju fil-fond in kwistjoni;

Dr. Alfred Grech LL.D. għall-intimata jopponi ruħu;

Il-Bord: -

Jiċħad it-talba billi l-prova ta' l-allegazzjoni ta' l-intimata tispetta lilha u n-nuqqas ta' esebizzjoni tal-provi rikjesti jittieħdu in konsiderazzjoni mill-Bord fl-eżamijiet li jridu jsiru sabiex jasal għad-deċiżjoni finali;

Dr. Anton Refalo LL.D. jiddikjara li ser jappella minn dan id-digriet;

Il-kawża ddifferita *'sine die'* sakemm jiġi ddeterminat l-appell'';

4. Ir-rikorrenti appellaw però, għar-raġunijiet li se jidhru aktar 'l sifel, ir-raġunijiet ta' l-appell m'humiex importanti;

5. Difatti d-digriet impunjat, kif jidher minnu stess ġie ppronunzat mill-**Bord** mentri, kif jiddisponi b'mod l-aktar espliċitu l-art. 19(2) Kap. 69:

''Kull kwistjoni dwar raġunijiet ta' astensjoni jew ta' rikuża, u **kull kwistjoni li tkun biss dwar punt ta' liġi, għandha tiġi deċiża miċ-*Chairman* tal-Bord**'';

6. Issa regola simili, bħal dik ikkwotata tal-Kap. 69 teżisti wkoll fl-artikolu 9(2) Kap. 199, u din il-Qorti diġà kellha l-okkażjoni li tapplika dan l-aħħar imsemmi artikolu, fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Ottubru, 1991, fl-appell ''*Major* Peter Manduca *vs* Onorevoli Imħallef Dr. Hugh Harding (Vol. LXXV.II.426) minn liema sentenza jistgħu jiġu kkwotati, bi profitt, is-segwenti brani:

''Illi l-ġurisdizzjoni ta' kull organu deċiżjonali mwaqqaf b'liġi għandu l-isfera tal-poteri ta' ġudizzju tiegħu deskritti u delimitati mill-istess liġi jew mill-elementi intrinsiċi ta' effettività ta' l-ordinament ġuridiku;

Illi l-atti li jinħarġu minn Qorti inkompetenti huma espressament iddikjarati nulli – art. 789(1)(b) Kap. 12 u għalhekk *'multo magis'* hija nulla deċiżjoni li temana minn kwalsiasi persuna jew organu li m'għandhiex u mhix mogħtija l-poter li tippronunzja ġudizzju, li huwa wieħed mill-poteri

fundamentali ta' kull soċjetà, illum politikament organizzata fl-Istat tar-Repubblika ta' Malta;

*Omissis;*

Huwa prudenzjali fil-liġi li, meta tribunal fil-komposizzjoni tiegħu jkollu membri tekniċi flimkien ma' President li jkollu kompetenza ġuridika, il-membri tekniċi jkunu hemm biex jieħdu konjizzjoni tal-fatti li jkollhom ukoll aspett tekniku, u dawn jiġu esklużi milli jiddeċidu fuq punti ta' dritt. U dan huwa s-sistema ta' l-Att XVI ta' l-1967 (u l-istess għall-Kap. 69) u għalhekk il-membri tekniċi huma esklużi mid-deċiżjoni ta' punt ta' dritt, fdati lill-President li għandu kompetenza ġuridika'';

9. A bażi ta' dan kollu, isegwi li din il-materja tinvolvi prinċipju ta' ordni pubbliku u għalhekk il-Qorti hija obbligata li tissolleva ''*ex officio*'' kif għamlet;

12. Għaldaqstant, din il-Qorti qed tannulla d-digriet appellat u konsegwentement qed tibgħat lura l-atti tal-kawża quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex ikompli jisma' r-rikors skond il-liġi;

L-ispejjeż ta' l-ewwel grad jibqgħu riservati għall-ewwel grad, waqt li dawk ta' dan l-appell jinqasmu bejn il-partijiet.